



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.1.2021
COM(2021) 1 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat tal-Kunsill u
tal-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar**

ANNESS I

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kunsill u l-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar

1. PRINĊIPJI

Fil-qafas tal-laqgħat tal-Kunsill u tal-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar, l-Unjoni għandha:

- (a) Taġixxi f'konformità mal-Artikolu 192 u mal-Artikolu 145 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) tal-10 ta' Diċembru 1982 u mal-obbligu li jiġi protett u ppreservat l-ambjent tal-baħar. Dan l-obbligu ġenerali jinkludi r-responsabbiltajiet għall-prevenzjoni, għat-tnaqqis u għall-kontroll tat-tniġġis tal-ambjent tal-baħar minn kwalunkwe sors, għall-monitoraġġ tar-riskji jew għall-effetti tat-tniġġis u l-valutazzjoni tal-effetti potenzjali tal-attivitajiet taħt il-ġurisdizzjoni u l-kontroll tal-Istati Partijiet li jistgħu jikkawżaw tniġġis sostanzjali tal-ambjent tal-baħar jew bidliet sinifikanti u ta' ħsara fih (l-Artikoli 194, 204 u 206). B'mod partikolari, l-Istati partijiet iridu jieħdu miżuri biex jipproteġu u jippreservaw ekosistemi rari jew fraġili. F'konformità mal-Artikoli 196.1 u 209, huma jridu wkoll jipprevjenu, inaqqsu u jikkontrollaw it-tniġġis li jirriżulta mill-użu ta' teknoloġiji taħt il-ġurisdizzjoni jew il-kontroll tagħhom, inkluż fir-rigward tal-attivitajiet fiż-Żona mwettqa minn bastimenti, installazzjonijiet, strutturi u apparat ieħor li jtajru l-bandiera tagħhom jew tar-reġistru tagħhom jew li joperaw taħt l-awtorità tagħhom. F'konformità mal-Artikolu 145, permezz tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar, l-Istati għandhom jadottaw regoli, regolamenti u proċeduri xierqa għall-protezzjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi naturali taż-Żona u l-prevenzjoni tal-ħsara lill-flora u l-fawna tal-ambjent tal-baħar.
- (b) Taġixxi f'konformità mal-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jiddikjara li l-politika tal-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li jenħtieġ li tittieħed azzjoni preventiva, li jenħtieġ li l-ħsara ambjentali, bħala prijorità, tisewwa f'ras il-ġajn, u li min iniġġes iħallas. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-UE twassal il-messaġġ li l-minerali tal-baħar fiż-żona internazzjonali ta' qiegħ il-baħar ma jistgħux jiġu sfruttati qabel ma l-effetti tal-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar fuq l-ambjent tal-baħar, il-bijodiversità u l-attivitajiet tal-bniedem ikunu ġew riċerkati biżżejjed, ir-riskji jinftiehem u t-teknoloġiji u l-prattiki operazzjonali jkunu jistgħu juru li ma hemm l-ebda ħsara serja għall-ambjent, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni.
- (c) Tfittex konsistenza u sinerġija mal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema kif iddikjarat fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, l-Artikolu 2(3); id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina), l-Artikolu 3.4 u 3.5, l-Artikolu 10 u l-Annessi I u VI; Id-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu, l-Artikolu 5.
- (d) Tikkontribwixxi b'mod attiv għad-diskussjonijiet biex jiġi żgurat li l-kodiċi tal-estrazzjoni tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar ikun robust, f'konformità

mal-prinċipji u mal-impenji internazzjonali, u jkun fih standards ambjentali b'saħħithom u infurzabbli, li jiġu aġġornati regolarment b'kont meħud tal-aħħar xjenza u teknoloġiji disponibbli, inkluż il-ħtieġa li jiġi rrispettat l-approċċ prekawzjonarju u li jsiru valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali minn qabel li jkunu konformi mal-proċeduri u l-linji gwida tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP)¹.

- (e) Tiżgura li r-regolamenti dwar l-isfruttament tar-riżorsi minerali fiż-żona jkunu konsistenti mad-dritt internazzjonali u, b'mod partikolari, mad-dispożizzjonijiet tal-UNCLOS u mad-dritt internazzjonali konswetudinarju.
- (f) Tikkonferma l-pożizzjoni tal-Unjoni li tappoġġa l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-ġurament ekoloġiku "la tagħmilx ħsara" u l-ambizzjoni tal-Unjoni Ewropea li globalment tkun fuq quddiem nett fil-konservazzjoni u l-protezzjoni tal-ambjent tagħna, inklużi l-ibħra u l-oċeani.
- (g) Tippromwovi l-avvanz tal-għarfien xjentifiku dwar l-impatti ambjentali u l-kunsiderazzjoni tiegħu dwar il-kodiċi tal-estrazzjoni tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar.
- (h) Tfittex li l-valutazzjoni tar-riskji ambjentali preċedenti taderixxi mal-oġġla standards u tgħaddi minn evalwazzjoni robusta.

2. ORJENTAZZJONIJIET

Minħabba l-għarfien xjentifiku limitat u t-tħassib dwar l-impatti inevitabbli u probabbilment irriversibbli fuq il-bijodiversità u l-klima, huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-pożizzjoni tal-Unjoni fuq l-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar tkun kompletament konformi mal-impenn tal-Unjoni Ewropea għas-sostenibbiltà u tkun ibbażata fuq l-aħjar xjenza disponibbli, l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' prekawzjoni u l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema.

¹

https://elaw.org/system/files/unep.EIA_.guidelines.and_.principles.pdf

ANNEX II

Speċifikazzjoni sena b'sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-Kunsill u tal-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar

Qabel kull laqgħa tal-Kunsill jew tal-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni tiegħu kont tal-aħħar informazzjoni xjentifika u ta' informazzjoni rilevanti oħra disponibbli f'konformità mal-prinċipji u l-orjentazzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

Għal dan il-għan, u abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kunsill, jew lill-korpi preparatorji tiegħu, fi żmien suffiċjenti qabel kull laqgħa tal-Kunsill jew tal-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar, dokument bil-miktub li jistabbilixxi d-dettalji tal-ispeċifikazzjoni proposta tal-pożizzjoni tal-Unjoni għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tad-dettalji tal-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni.

Jekk waqt laqgħa tal-Kunsill jew waqt l-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar ikun impossibbli li jintlaħaq ftehim, inkluż fuq il-post, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu, sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tiegħu kont tal-elementi ġodda.